*Inibizzjoni – ċaħda taċ-ċittadinanza*

*- egħmil imwettaq*

MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**

Digriet Kamerali

Mandat Numru 1696/2019 GM

Ayman Khala (KI Nru 499095M)

vs

Segretarja Parlamentari Għar-Riformi Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi amministrattivi; u l-Avukat Ġenerali; u Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Identita' Malta fil-kwalita' tiegħu ta' Rappreżentant Legali u Ġuridiku tal-imsemmija Aġenzija; u Kap tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi Ħdan l-Aġenzija Identita' Malta; u l-Uffiċjal tal-Immigrazzjoni; u Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fis-6 ta' Diċembru 2019 mir-rikorrent li permezz tiegħu talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati biex jinżammu milli

jesegwixxu d-deċiżjoni meħuda fit-2 ta' Diċembru 2019 mis-Segretarja Parlamentari u li konsegwentement l-Aġenzija Identita` Malta b'ittra tat-3 ta' Diċembru 2019 talbet lir-rikorrent jirritorna ċ-ċertifikat tiegħu ta' ċittadinanza sabiex jiġi kkanċellat;

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimati għaxart ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għat-30 ta' Diċembru 2019;

Rat ir-risposta tal-intimati;

Rat l-atti l-oħra tar-rikors;
Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw bil-fomm il-mertu ta' din il-proċedura waqt l-udjenza tat-30 ta' Diċembru 2019;

Ikkunsidrat:

Illi l-egħmil suġġett tat-talba tar-rikors diġa` twettaq;

Illi r-rikorrent ma wera l-ebda jedd *prima facie* li għandu xi jħares;

Għal dawn il-motivi:

Tiċħad it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotur tiegħu.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Mogħti kameralment fil-31 ta' Diċembru 2019.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA